**2 ta' Settembru, 1994**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Felix Grixti u Leonard Caruana

**Kaċċa - Sospensjoni tal-Liċenzja - Konfiska - Mutatis Mutandis - Artikolu 30 (1) tal-Kodiċi Kriminali**

*L-espressjoni "mutatis mutandis" tfisser "with the necessary changes in points of detail, meaning that matters or things are generally the same, but to be altered when necessary, as to names, offices and the like".*

*Il-fakoltà mogħtija bil-kelma "tista" fl-artikolu 30 (1) tal-Kodiċi Kriminali mhix xi ħaġa ta' dettal iżda element essenzjali ta' dina d-dispożizzjoni.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Felix Grixti u Leonard Caruana talli fil-25 ta' Marzu, 1994 għall-ħabta tal-11 ta' filgħodu f'Hal-Far limiti ta' B'Buġia fl-istaġun magħluq għat-teħid ta' għasafar mhux minn fuq il-baħar, kienu qegħdin jieħdu jew jippruvaw jieħdu xi għasafar bi ksur ta' l-artikolu (recte: Regolamenti) 9 (1) (c) u 2 (1) ta' l-A.L. 146/93 u aktar talli fl-istess data, lok u ħin għamlu użu minn xibka biex jieħdu jew jippruvaw jieħdu xi għasafar ta' qies aktar minn dak rikjest mil-liġi bi ksur ta' l-artikolu (recte: Regolament) 11 (4) ta' l-A.L. 146/93; huma kienu akkużati ukoll talli fl-istess ċirkustanzi waqt li kienu qed jieħdu jew jippruvaw jieħdu xi għasafar kellhom diversi għasafar f'gaġeġ ta' qies anqas minn dak stipulat bil-liġi bi ksur ta' l-artikolu 146/93; l-ewwel Qorti kienet mitluba tordna l-konfiska ta' l-oġġetti eżibiti, kif ukoll li tordna li l-imputati jiġu

skwalifikati li jkollhom liċenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija għal dan il-għan għal żmien mhux anqas minn sena;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-16 ta' Mejju, 1994 fl-ismijiet premessi li biha dik il-Qorti sabet lil Felix Grixti u Leonard Caruana ħatja biss ta' l-ewwel akkuża u tat-tielet akkuża, ikkundannathom multa ta' ħamsin lira (Lm50), ordnat il-konfiska tal-gabjetti eżibiti u ssospendiet il-liċenzja ta' l-insib tagħhom għall-perijodu ta' sena, waqt li ordnat li jiġu rritornati l-għasafar u x-xbieki eżibiti lil sidhom, u illiberathom mit-tieni akkuża;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Leonard Caruana minnu pprezentat fl-24 ta' Mejju, 1994 li bih talab ir-riforma tas-sentenza msemmija billi tirrevokha f'dik il-parti fejn ġiet sospiża l-liċenzja ta' l-insib tiegħu għal sena, u tikkonfermaha fil-bqija;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravju ta' l-appellant, limitat kif inhu għal parti mill-piena fuqu inflitta mill-ewwel Qorti, jikkonsisti filli, skond hu, il-piena ta' sospensjoni tal-liċenzja ta' l-insib tiegħu għal perijodu ta' sena hija, fiċ-ċirkostanzi, eċċessiva. Hu jissottometti li dan kien l-ewwel reat tiegħu; li dana r-reat seħħ biss ħames xhur wara l-bidu fis-seħħ tar-regolamenti l-ġodda dwar il-ħarsien ta' l-għasafar u l-fenek selvaġġ; li r-reat huwa ta' natura żgħira; u li din il-piena hija, soġġettivament, waħda severa ħafna għax l-appellant hu mitluf wara din in-namra ta' l-insib. L-abbili difensur ta' l-appellant, fil-kors tat-trattazzjoni orali, kompla

jissottometti li s-sospensjoni tal-liċenzja ta' l-insib f'dawn il-każi hi waħda fakoltattiva u mhux tassattiva, u għalhekk din il-Qorti ġiet mitluba biex tirrevoka din is-sospensjoni;

Ir-Regolament 25 (3) ta' l-A.L. 146/93 jgħid illi "Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 23 u 30 (1) tal-Kodiċi Kriminali għandhom *mutatis mutandis* japplikaw fil-proċedimenti rigward reati kontra dawn ir-regolamenti, b'dan illi l-iskwalifika milli wieħed ikollu jew jikseb liċenzja, permess jew awtorita' ma għandhom fl-ebda każ ikunu inqas minn sena." Din hija forma ta' "*referential legislation*" li, għalkemm tista' tkun konvenjenti għall-leġislatur xi mindaqqiet toħloq problemi għal min ikollu jinterpreta l-liġi. In fatti Garth Thornton, fil-klassiku tiegħu **Legislative Drafting** (Butterworths, London, 1987) jgħid ċar u tond:

*The short cut of making use of laws by incorporating them "mutatis mutandis" or "so far as applicable" or "with such modifications as the circumstances require" or "subject to necessary modifications" should generally be avoided. (p. 131)*

L-espressjoni "*mutatis mutandi*" tfisser "*With the necessary changes in points of detail, meaning that matters or things are generally the same, but to be altered when necessary, as to names, offices and the like*" (ara, **Black's Law Dictionary**, 5th ed., West Publishing Co., 1979, p. 919). Issa l-artikolu 30 (1) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li l-Qorti "tista' " ("*may* ") b'żieda mal-piena tordna li persuna tiġi skwalifikata milli jkollha jew tikseb *warrant,* liċenzja, permess jew awtorità. Il-fakoltà mogħtija bil-kelma "tista' " mhix xi ħaġa ta' dettal iżda element essenzjali ta' dina d-dispożizzjoni. Għalhekk għandu raġun l-abbili difensur ta' l-appellant meta jikkontendi li l-iskwalifika kontemplata fir-Regolament 25 (3) ta' l-Avviż Legali fuq imsemmi hija

fakoltattiva. Mill-banda l-oħra l-Qorti ma tistax ma tosservax li, filwaqt li l-artikolu 30 (1) tal-Kodiċi Kriminali jħalli fid-diskrezzjoni assoluta tal-Qorti għal dak li huwa l-perijodu ta' l-iskwalifika, ir-Regolament 25 (3) jgħid ċar u tond li dina l-iskwalifika f'ebda każ ma għandha tkun ta' anqas minn sena. *Inoltre*, is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 30 ta' l-imsemmi Kodiċi, li jagħti l-fakoltà lill-Qorti li tneħħi s-sospensjoni jew skwalifika imposta, ġie eskluż mill-ambitu tar-Regolament 25 (3). Dana kollu hu indikattiv tal-piż u l-importanza li għandu jingħata lill-piena ta' l-iskwalifika ta' liċenzja, permess jew awtorita' skond l-imsemmi regolament meta *si tratta* ta' reati kontra r-Regolamenti ta' l-1993 dwar il-Ħarsien tal-Għasafar u tal-Fenek Selvaġġ. Għalhekk Qorti tkun verament ġustifikata li ma tapplikax l-iskwalifika kkontemplata fir-Regolament 25 (3) biss meta jkun hemm xi raġunijiet speċjali. Fil-każ odjern il-Qorti ma tara xejn speċjali fir-raġunijiet miġjuba mill-appellant fir-rikors tiegħu;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.